# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 17**

**Rikors numru 208/13/3**

**Michele Peresso Limited (C-6469) u Michele Peresso Fashion Limited (C-45807)**

**v.**

**Upim S.r.l. kumpanija estera reġistrata Milan, l-Italja Cod. Fiscale 05034590967 u Gruppo Coin S.p.A kumpanija estera reġistrata Mestre (VE), via Terraglio n.17, 30174, l-Italja**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba tas-soċjetajiet atturi Michele Peresso Limited u Michele Peresso Fashion Limited sabiex tisma' mill-ġdid appell maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2023 għax jgħidu

illi dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (**Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12**).

**Preliminari**.

2. B'rikors maħluf tal-1 ta' Marzu 2013, is-soċjetajiet atturi kienu talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni kkaġunati lill-atturi b'riżultat ta' allegat aġir doluż u konsegwentement tillikwida u tordna l-ħlas tad-danni konsegwenzjali.

3. Permezz ta' risposta maħlufa tat-8 ta' Mejju 2013 is-soċjetajiet konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet sew ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Jiċħdu li huma kkaġunaw xi danni lis-soċjetajiet atturi. Mingħajr preġudizzju eċċepew illi kwalsaisi danni sofferti mis-soċjetajiet atturi kienu riżultat ta' deċiżjonijiet ħżiena li ttieħdu u ta' investiment inopportuni li saru mill-istess kumpaniji atturi.

4. Qabel ġie meqjus il-mertu tal-kawża, il-Prim'Awla, b'sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2015, iddeċidiet l-eċċezzjonijiet preliminari kollha:

> "12.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha preliminari tas-socjetajiet intimati;

12.2. Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza, din id-darba fuq il-mertu tal-kaz;"

5. Is-soċjetajiet konvenuti ħassewhom aggravati minn dik is-sentenza *in parte* u kien għalhekk li b'rikors tal-1 ta' Diċembru 2015 interponew minnha appell fejn talbu li din il-Qorti tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza tal-Ewwel Qorti u konsegwentement tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tingħata deċiżjoni skont il-liġi jew fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza li permezz tagħha ġew miċħuda l-ewwel seba' eċċezzjonijiet preliminari u tgħaddi sabiex tilqa' dawn l-istess eċċezzjonijiet jew liema minnhom.

6. Is-soċjetajiet atturi ippreżentaw r-risposta tagħhom għal dak l-appell fis-17 ta' Diċembru 2015 fejn insistew li l-appell għandu jiġi dikjarat null in kwantu li sar *fuori termini* in relazzjoni mal-aggravju relatat mal-eċċezzjonijiet ta' inkompetenza u/jew nuqqas ta' ġurisdizzjoni u *in ogni* każ u fit-totalità tiegħu jiġi miċħud bħala kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt.

7. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2016 din il-Qorti ċaħdet l-appell interpost mis-soċjetajiet konvenuti u kkonfermat *in toto* s-sentenza *in parte* tal-Ewwel Qorti. L-atti ġew għalhekk rinvjati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal prosegwiment tas-smigħ tal-kawża fil-mertu.

8. B’sentenza tad-29 ta’ Settembru 2022, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża fil-mertu billi:

> “**Tiċħad** l-kumplament ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet intimati u għalhekk:
>
> **Tilqa’** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:
>
> **Tiddikjara** illi s-soċjetajiet intimati Upim S.r.l u Gruppo Coin S.p.A huma responsabbli versu s-soċjetajiet rikorrenti Michele Peresso Limited u Michele Peresso Fashion Limited għad-danni kkaġunati bl-aġir doluż tagħhom;
>
> **Tillikwida** d-danni sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti kaġun ta’ l-imsemmi aġir tas-soċjetajiet intimati fl-ammont ta’ miljun, mitejn u erbgħa u tletin elf, tmien mija u erbgħa u erbgħin Euro (€1,234,844);
>
> **Tikkundanna** lis-soċjetajiet intimati sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta’ l-ammont ta’ miljun, mitejn u erbgħa u tletin elf, tmien mija u erbgħa u erbgħin Euro (€1,234,844) in linea ta’ danni.
>
> **Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjetajiet intimati.
>
> **Imgħax** huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv”.

9. Is-soċjetajiet konvenuti ħassewhom aggravati minn din is-sentenza u b’rikors tat-28 ta’ Ottubru 2022 talbu lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla, Qorti Ċivili fid-29 ta’ Settembru 2022 u minflok tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet attriċi kollha, tilqa’ l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kumpaniji konvenuti u tagħti ġudizzju finali.

10. Is-soċjetajiet atturi ressqu risposta tal-appell kif ukoll appell inċidentali fit-28 ta’ Novembru 2022 u talbu lill-Qorti tal-Appell sabiex

tiċħad l-appell interpost mis-soċjetajiet konvenuti appellanti bl-ispejjeż u tilqa' l-appell inċidentali interpost mill-appellati billi tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lis-soċjetajiet appellanti jħallsu danni fl-ammont ta' €3,062,521 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetajiet appellanti.

11. B'sentenza tal-10 ta' Ottubru 2023 din il-Qorti laqgħet l-appell tal-kumpaniji konvenuti, ċaħdet l-appell inċidentali tas-soċjetajiet atturi u ħassret u rrevokat s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla fid-29 ta' Settembru 2022 billi laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu bil-konsegwenza li ċaħdet it-talbiet kollha tas-soċjetajiet attriċi. Ir-raġunijiet li wasslu għal dik is-sentenza ta' din il-Qorti huma s-segwenti:

> "35. Wara li rat il-provi kollha, din il-Qorti tara illi l-Ewwel Qorti verament ma ħaditx konsiderazzjoni ta' numru ta' provi li kienu ta' relevanza kbira sabiex jgħinuha tasal għal deċiżjoni ġusta. Minn qari tas-sentenza, jidher ċar illi l-Ewwel Qorti straħet ħafna fuq il-verżjoni u l-provi tal-kumpaniji rikorrenti u dan bil-konsegwenza li spiċċat injorat il-maġġor parti tal-verżjoni tal-kumpaniji konvenuti. Għalhekk, dan minnu nnifsu kien raġuni gravi biżżejjed sabiex din il-Qorti tirrevedi l-provi tal-partijiet u tqishom mill-ġdid. Mhux hekk biss, imma kif ser jiġi spjegat, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi wara li saret reviżjoni tal-provi, hemm saħansitra lok illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tiġi disturbata.
>
> 36. Il-kumpaniji rikorrenti huma tal-fehma illi l-kumpaniji konvenuti daħku bihom b'mod sfaċċat, ingannawhom u ħallewhom jikkuntrattaw il-*franchising agreement in mala fede*, u in sinteżi dan għaliex: a. MPL qatt ma kienet konsapevoli, u ma setgħat qatt tkun, illi l- Upim kienet allegatament kumpanija falluta u tagħmel telf ta' flus, b'dejn sostanzjali ma' diversi kumpaniji, tant li fil-moħbi u minn wara dahar MPL kienet qiegħda tinnegozja li tinxtara minn kumpanija oħra bl-isem ta' Coin; b. Il-kumpanija Upim kellha *stock* antik u ħwienet inattraenti, u sabiex teħles minn dan l-istock hija tefgħat pressjoni qawwija fuq MPL sabiex tidħol fi *franchising agreement* magħha għal terminu twil ta' għaxar (10) snin, filwaqt li tinvesti ammont kbir ta' flus f'tali negozju,

u dan minkejja li Upim ma kellhiex il-potenzjal li tonora l-obbligi tagħha għat-terminu msemmi minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha; c. Il-kumpanija Upim kienet problematika fl-ordnijiet u konsenji tagħhom, b'konsegwenza li MPL soffriet minn dannu konsiderevoli, speċjalment meta unilateralment Coin qabdet u ġibdet somma sostanzjali mill-garanzija bankarja li MPL kienu għamlu oriġinarjament favur Upim.

37. Fil-fehma ta' din il-Qorti:

*Fir-rigward li MPL qatt ma kienet konsapevoli, u ma setgħat qatt tkun, illi l- Upim kienet allegatament kumpanija falluta u tagħmel telf ta' flus, b'dejn sostanzjali ma' diversi kumpaniji, tant li fil-moħbi u minn wara dahar MPL kienet qiegħda tinnegozja li tinxtara minn kumpanija oħra bl-isem ta' Coin:*

38. Din il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi fil-mument ta' qabel l-iffirmar tal-*franchising agreement*, jidher ċar u dan fit-termini tal-liġi Taljana u l-interpretazzjoni tagħha skont l-esperti fil-qasam, illi ma kien hemm l-ebda *mala fede* mill-Upim f'dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni ekonomika tagħha. Mill-atti jidher ċar illi sa mill-ewwel laqgħa, Upim kienu ċari illi l-kumpanija kienet kważi falluta għal żmien twil, u li bil-mod il-mod bdiet terġa' tqum fuq saqajha. Dan jikkonfermah ukoll Emanuel Peresso fl-affidavit tiegħu.

39. Barra minn hekk, jidher ukoll illi ma ġietx kontradetta l-kwistjoni illi l-kumpaniji rikorrenti setgħu jġibu kopja tal-accounts tal-kumpanija Upim. Għal din il-Qorti kien fid-dover ta' MPL, illi qabel ma hija tidħol għal kuntratt ta' *franchising* u saħansitra qabel ma' tibda tinkorri spejjeż u tiffirma kwalunkwe kuntratt ta' kiri għal tali negozju, kien fl-interess ta' MPL stess illi tivverifika sew il-qagħda ekonomika tal-kumpanija li sejra tikkontratta magħha, speċjalment meta l-istess kumpanija kienet għadha kif stqarret magħha li għal żmien twil sofriet minn telf, u kienet kważi falluta.

40. Din il-Qorti tara wkoll li f'email partikolari, Victoria Pace Peresso kitbet illi kienu qegħdin jagħmlu xi verifiki mal-awdituri tagħhom fuq il-kumpanija Upim. Ma ġiex elaborat x'kien dan l-eżerċizzju, imma din il-Qorti tista' timmaġina li l-awditur imsemmi, fost oħrajn, kellu wkoll jieħu inkonsiderazzjoni li l-pass li kienet ser tagħmel MPL bl-iffirmar tal-*franchising agreement*, kellu jkun wieħed għaqli li jħalli l-frott tiegħu. Dan huwa, fil-fehma tal-Qorti, l-għaqal li kellha turi MPL fil-perjodu qabel l-iffirmar tal-kuntratt inkwistjoni.

41. Jixhed nuqqas ta' għaqal li MPL tgħid illi huma straħu fuq il-kelma ta' Upim illi l-kumpanija kienet sejra tajjeb issa li kienu qegħdin jagħmlu ristrutturar tal-kumpanija. Din il-Qorti kienet tistenna wkoll illi MPL kienet tistaqsi lill- Upim, jekk l-istrutturar tagħha kienx finali, jew jekk kienx għadu għaddej. Huwa kristallizzat illi Upim taw l-indizzji kollha tagħhom dwar is-sitwazzjoni tagħhom bħala kumpanija illi

kienet qiegħda tirsisti biex tqum mill-irmied li kienet sabet ruħha fih. Madankollu, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja għall-parir legali tal-Avukat Alessandra Chimienti illi l-Upim ma kellhiex għaliex tagħti informazzjoni ulterjuri dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha u dan għaliex is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Upim kienet pubblika, b'hekk MPL ma setgħux jippretendu li jingħataw kollox bl-imgħarfa. Fl-aħħar mill-aħħar, din il-Qorti ma tistax tinnega l-fatt illi hawnhekk si tratta negozju kummerċjali, u għalhekk id-diliġenza mistennija minn MPL kienet waħda bażika, u ċjoè li jkunu fiċ-ċert li l-vantaġġ ekonomiku tagħhom minn dan in-negozju jkun kważi garantit.

42. Din il-Qorti lanqas ma hija tal-fehma illi Upim innegozjat *in mala fede* minn wara dahar MPL ma' Coin. Din il-Qorti tqis għalkollox sorprendenti li la l-partijiet u lanqas l-Ewwel Qorti ma semmew prova kruċjali f'dan ir-rigward li tinsab fl-atti tal-kawża. Din il-Qorti tara illi għalkemm ma hemm l-ebda dubju illi Upim u Coin bdew in-negozjati ta' bejniethom waqt li Upim kienet qiegħda tinnegozja wkoll ma' MPL, naturalment fuq kwistjonijiet differenti, jibqa' l-fatt illi MPL kienet aċċettat illi Upim setgħat tbiegħ u tassenja n-negozju tagħha lil terzi mingħajr il-kunsens ta' MPL, salv illi l-kuntratt ta' *franchising* jibqa' fis-seħħ. Dan ġie ppruvat permezz ta' *emails* fejn MPL ikkonfermaw, iswed fuq abjad, illi din il-klawżola kellha tiddaħħal fil-*franchising agreement*, l-aqwa illi f'każ li dan isir, il-kuntratt ta' *franchising* jibqa' fis-seħħ.

43. Fil-fatt, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-*franchising agreement*, f'taqsima numru sittax (16), tidher ċara d-differenza bejn: (i) każ fejn MPL tittrasferixxi l-kuntratt fuq isem kumpanija oħra, fejn il-kunsens ta' Upim kien essenzjali, u (ii) każ fejn Upim tittrasferixxi n-negozju kollu jew biċċa minnu lil terzi, fejn MPL ma kellhomx jiġu affettwati jew ikollhom xi tip ta' jedd li jwaqqaf trasferiment bħal dak, salv illi dak li MPL intrabtu bih jibqa' fis-seħħ mal-proprjetarji l-ġodda. Għalhekk, huwa ċar illi l-argument tal-MPL huwa wieħed frivolu għaliex din il-Qorti ma tistax tifhem kif minkejja tali klawżola (li l-iskop tagħha huwa kristallizzat fl-*emails* li ntbgħatu mill-partijiet fiż-żmien tan-negozjati), huma qed jibqgħu jinsistu li kellhom jedd illi jkunu jafu bl-intenzjonijiet tal-kumpanija Upim u saħansitra jattakawha illi mxew in *mala fede* talli ma għarrfithomx b'dak li kien għaddej. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u tara illi dak li kellu jkun ta' interess għall-MPL kien illi l-kundizzjonijiet li ntrabtu bihom ma' Upim jibqgħu jiġu osservati u rispettati minn Coin.

44. Fil-fatt, hekk seħħ. Hekk kif Upim ittrasferiet kollox f'idejn Coin, din tal-aħħar kompliet bir-rabta kuntrattwali tagħha ma' MPL u MPFL. Il-kwistjoni jekk Upim u / jew Coin onorawx l-obbligi tagħhom kif elenkati fil-kuntratt ta' *franchising* huma irrelevanti f'din il-kawża u għalhekk ma kienx hemm lanqas skop li l-Ewwel Qorti tieħu konsiderazzjoni tagħhom fis-sentenza tagħha, u kważi kważi tiġi influwenzatha minnhom. Dak li jinteressa din il-Qorti huwa illi mill-atti jidher ċar illi MPL u MPFL wara li saru jafu li Upim ġiet mibjugħa u amalgamata

ma' Coin, baqgħat f'relazzjoni kummerċjali ma' Coin. Dan huwa ppruvat permezz ta' diversi *emails*, laqgħat u anke *credit notes*.

*Fir-rigward tal-fatt li l-kumpanija Upim kellha stock antik u ħwienet inattraenti, u sabiex teħles minn dan l-istock hija tefgħat pressjoni qawwija fuq MPL sabiex tidħol fi franchising agreement magħha għal terminu twil ta' għaxar (10) snin, filwaqt li tinvesti ammont kbir ta' flus f'tali negozju, u dan minkejja li Upim ma kellhiex il-potenzjal li tonora l-obbligi tagħha għat-terminu msemmi minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha:*

45. Din il-Qorti tara illi din hija biss skuża da parti l-MPL illi l-istock ta' Upim kien wieħed antik u l-ħwienet kienu inattraenti. Għalkemm din il-Qorti tifhem illi MPL u MPFL setgħu ħadu din il-pożizzjoni minn intervista mad-direttur ġenerali ta' Coin, u dan bl-iskop li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha, jibqa' l-fatt illi mill-atti jirriżulta illi l-kumpaniji rikorrenti kienu konsapevoli tal-prodott li tbiegħ Upim u kif ukoll ta' kif inhuma mqassma u mgħammra l-ħwienet tagħhom ġewwa l-Italja. Jidher li fil-bidu, u sa ftit qabel ma nbdiet din l-azzjoni, MPL ma kellhom l-ebda problema dwar dan għaliex kienu huma stess li wara li evalwaw sew dak li kien qed iseħħ fis-suq Taljan, intrabtu b'mod volontarju u bis-sħiħ, li jġibu l-istess prodott u ħwienet ġewwa Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, MPL u MPFL kienu kuntenti b'dak li kienet qiegħda toffri Upim u għalhekk tali lment huwa fieragħ għall-aħħar.

46. Isegwi għalhekk illi huwa inutli f'dan l-istadju illi l-kumpaniji rikorrenti appellati jiġu jilmentaw illi Upim imxiet in *mala fede* magħhom għaliex l-intenzjoni aħħarija tagħha kienet li teħles minn prodott antik. Għal din il-Qorti jidher ċar illi Upim la ħbiet minnhom jew ingannat lill-MPL u MPFL mis-sitwazzjoni ekonomika tagħha, u lanqas ma ħbiet il-mod kif hija timxi fl-operazzjoni kummerċjali tagħha. Din il-Qorti tistenna illi kumpanija b'numru kbir ta' ħwienet ikollha tip ta' standards, liema standards għandhom jiġu segwiti f'kull ħanut kemm fl-Italja u anke f'pajjiżi oħra li joperaw bis-sistema ta' *franchising*. Dan kien ukoll rikonoxxut minn Emanuel Peresso meta huwa stess saħaq illi għalkemm Upim kienet qiegħda titfa' pressjoni fuq MPL sabiex tinvesti flusha, u dan peress li kien hemm interess miż-żewġ partijiet, huwa fehem illi Upim kienet qiegħda tagħmel hekk sabiex taqbel mal-*overall concept* tagħha.

47. Fil-verità, din il-Qorti lanqas ma temmen li Upim għamlet xi pressjoni esaġerata fuq MPL, u dan kif qed jallegaw dawn tal-aħħar. Skont MPL din il-pressjoni saret biex huma jiffirmaw il-kuntratt kemm jista' jkun malajr, ħalli Upim isalvaw ġildhom u jkunu jistgħu jbiegħu l-istock antik. Però mill-atti jidher iktar illi Upim kellha ċertu aspettattivi biex fl-ewwel lok is-sistema tagħha tibqa' waħda identika fil-ħwienet kollha fejn jinbiegħu prodotti tad-ditti tagħha, kif ukoll għaliex hija kienet fil-proċess li tibni lilha nnifisha mill-ġdid. Jidher ukoll ċar illi t-trattattivi bejn iż-żewġ partijiet saru b'mod normali, u ċjoè t-tnejn li huma raw l-interessi tagħhom, ressqu l-proposti u emendaw il-kuntratt

skont il-qbil ta' bejniethom. Għalhekk, anke jekk MPL jgħidu illi Upim ippressathom sabiex jikru proprjetajiet fi *prime locations*, u li ħeġġithom jinvestu flushom f'dan in-negozju, din il-Qorti tara illi dan sar b'interess taż-żewġ partijiet u finalment Upim dejjem kienet ċara illi l-kirjiet kienu dejjem ta' riskju għall-*franchisee*.

48. Jiġi ppuntwalizzat li huwa minnu li Upim inkoraġġiet lill-MPL tidħol għal uħud minn dawn il-kirjiet, speċjalment dak ta' tas-Sliema, imma jidher ukoll, bħal fir-rigward tal-kirja ta' Għawdex, li MPL daħlet għal tali kirja saħansitra qabel ma saret l-ewwel laqgħa. Jekk xejn dan juri kemm MPL kellha interess qawwi illi tidħol għal dan il-*franchise agreement*. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tara wkoll illi l-verżjoni ta' Franco Chiarizio ma ġietx kontradetta meta xehed illi Emanuel Peresso tennielu illi f'każ li l-kirjiet li jkun daħal għalihom ma jkunux sodisfaċenti għall- Upim, huwa kien ser jutilizzahom xorta waħda għal ditti oħra. Din il-Qorti temmen tali verżjoni għaliex, MPL hija kumpanija li tenniet kemm-il darba li ilha fil-qasam tal-*franchising* għal snin twal u għalhekk ma hemm l-ebda dubju illi bil-kuntratt mal- Upim jew le, MPL kienet xorta waħda ser issib mod kif tħaddem il-kirjiet li tkun daħlet għalihom sakemm tkun tista' tittermina l-kuntratt tal-kirjiet inkwistjoni. Dan jista' jiġi kkonfermat ukoll mill-kirja tal-ħanut ta' tas-Sliema, li għalkemm ġie mikri bl-intiża li jinbiegħu minnu l-prodotti tad-ditta Upim, mill-atti jidher li dan qatt ma ntuża sabiex tinbiegħ l-imsemmija ditta u / jew dik ta' Coin, iżda xorta waħda għal xi żmien intuża sabiex MPL tbiegħ merkanzija ta' ditti oħra.

49. Din il-Qorti lanqas ma taqbel illi Upim użat it-terminu ta' għaxar (10) snin bħala lixka għall-MPL. Fil-fatt u minn eżami tal-atti kollha, din il-Qorti hija moralment konvinta illi kien proprju Emanuel Peresso li talab illi Upim tikkonċedilu l-*franchising agreement* għal terminu ta' għaxar (10) snin. Dan jaqbel perfettament mal-fatt illi l-iskritturi privati tal-kirjiet li daħlet għalihom MPL saru kollha qabel ma ġie ffirmat il-*franchising agreement* u t-terminu konċess lill-MPL kien wieħed twil. Għalhekk, din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex temmen li t-terminu ta' għaxar (10) snin ingħata minn Upim bħala lixka, iżda kienet f'għajnejn MPL opportunità sabiex tħares l-interessi tagħha u ssaħħaħ l-għeruq ta' Upim ġewwa Malta bit-tama li tiġġenera profitt tajjeb.

<u>*Fir-rigward tal-fatt li l-kumpanija Upim kienet problematika fl-ordnijiet u konsenji tagħhom, b'konsegwenza li MPL soffriet minn dannu konsiderevoli, speċjalment meta unilateralment Coin qabdet u ġibdet somma sostanzjali mill-garanzija bankarja li MPL kienu għamlu oriġinarjament favur Upim:*</u>

50. Kif ingħad iktar 'il fuq, din il-Qorti ma tarax illi hemm lok illi tidħol fil-mertu tal-kwistjoni jekk Upim u / jew Coin ħolqux problemi fl-ordnijiet u konsenji tagħhom, għaliex tali kwistjonijiet mhumiex il-pern tat-talbiet kif imressqa fir-rikors promotur u lanqas huma r-raġunijiet ewlenin għall-kawża.

51. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-kwistjoni l-iktar kruċjali u li wasslet lil-MPL sabiex tmexxi b'din il-kawża fl-2013, kien proprju l-fatt li l-Coin ġibdet somma sostanzjali mill-garanzija bankarja. Kemm hu hekk, kien sewwasew wara li saret tali manuvra mill-Coin, illi MPL u MPFL għażlu li jaġixxu b'din il-kawża. Li kieku l-kumpaniji attriċi appellati kienu tassew tal-fehma li Upim daħket bihom, messhom qatgħu r-rabta kummerċjali li kellhom magħha minnufih malli ntebħu u mhux issoktawha. Bl-istess mod, ma messhomx aċċettaw li jiftħu l-ħanut f'Tas-Sliema u lanqas li jibqgħu jemmnu fil-wegħdiet ta' Upim jekk ħassew li ma kinux qed jinżammu. Hekk ukoll messhom ma ħallewx żmien jgħaddi biex iħarsu l-jeddijiet u l-interessi tagħhom jekk kien minnu li kienu jafu li Upim kienet falliet, qarrqithom u nqdiet bihom.

52. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-raġuni hija waħda. Hekk kif Coin misset il-but ta' MPL u MPFL, ġustament jew le, MPL u MPFL riedu illi jieħdu azzjoni u jiġbru dak li skonthom kien dannu soffert minnhom. Għalkemm l-Ewwel Qorti emmnet it-teżi tal-atturi appellati, din il-Qorti wriet li l-provi juru mod ieħor. Il-kuntratt ta' *franchising* huwa ċar. L-istess huma l-*emails* kollha, kif ukoll il-minuti tal-laqgħat kollha li saru qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt inkwistjoni – liema provi din il-Qorti żgur ma tistax tinjora. Mill-provi mressqa, ħareġ li Upim ma mxietx b'mala fidi u MPL għażlet li tieħu riskju b'din il-kawża f'intrapriża kummerċjali li minnha ma jidhirx li ħarġet kif xtaqet jew ipprevediet. Madankollu, ma huwiex sew li issa, MPL tagħżel li tmexxi b'kawża ta' din in-natura sabiex tittenta tiġbor dak li tilfet bin-nuqqas ta' diliġenza tagħha. Naturalment, jekk ikun legalment possibbli, MPL u / jew MPFL jistgħu jinqdew b'rimedji ad hoc u dan skont kif jippermetti l-kuntratt ta' *franchising*.

**L-Appell Inċidentali tal-Kumpaniji Rikorrenti**:

[...]

54. Tenut kont tal-fatt illi l-aggravju tal-kumpaniji rikorrenti jirrigwarda l-apprezzament ħażin tal-provi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, u kif spjegat iktar qabel din il-Qorti, Upim u Coin ma aġixxewx *in mala fede* bil-konsegwenza li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur MPL u MPFL, għalhekk ma hemmx lok illi din il-Qorti tikkonsidra dan l-aggravju."

12. Is-soċjetajiet atturi [minn issa Ritrattandi] b'rikors tad-9 ta' Jannar 2024, illi għalih is-soċjetajiet konvenuti [minn issa Ritrattati] wieġbu fis-16 ta' Frar 2024, talbu illi s-sentenza ta' din il-Qorti għandha titħassar, u l-appell jinstema' mill-ġdid peress li jallegaw li s-sentenza kienet l-effett ta'

żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża kif jgħid l-**Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12**. Għaldaqstant talbu lil din il-Qorti:

> "**Tirrexxindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tal-10 ta' Ottubru [*sic* Novembru] 2023 u dan minħabba li hija vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikolu 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u**
>
> **Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża skond il-liġi**;
>
> Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-ritrattati għas-subizzjoni."

13. Inżamm smigħ fis-7 ta' Mejju 2024 fejn instemgħat it-trattazzjoni tal-partijiet, filwaqt li t-talba għal ritrattazzjoni tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet.**

14. Bħala punt tat-tluq fil-konsiderazzjoni ta' rikors għal ritrattazzjoni ma hu qatt barra minn loku illi jiġi sottolineat li ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju li tista' tiġi msejsa biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira restrittiva, mingħajr tiġbid jew analoġija,[1] dan sabiex ma jingħatax lok għal tentattivi ta' appell tat-tielet istanza, li mhux konċess fis-sistema proċedurali tagħna. Huwa ben saput li sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat

[1] Ara **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-10 ta' Ottubru 2003. Ara wkoll **Joseph Spiteri et vs. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta' Marzu 2019.

m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*.

15. Appena huwa neċessarju jingħad illi proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara **Paul Pisani et v. Emmanuel Custò**, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Dawn iż-żewġ fażijiet ma jistgħux jiġu deċiżi f'daqqa b'sentenza waħda, iżda għandhom jiġu deċiżi b'mod mifrud għaliex inkella jistgħu jqumu kwistjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq (ara **St. George's Park Company Limited v. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2014). Għaldaqstant din is-sentenza se tidħol biss fl-ewwel fażi ta' din il-proċedura, ċjoè jekk hemmx raġunijiet siewja biex titħassar is-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2023. (ara **Carmelo Mifsud v. John Pullicino et.** - Appell Superjuri - 20 ta' Ġunju, 2024).

16. Is-soċjetajiet atturi sejsu t-talba tagħhom għal ritrattazzjoni fuq **Artikolu 811 (l) tal-Kapitolu 12** fuq il-pretest li s-sentenza ta' din il-Qorti

kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Is-sub inċiż (l) jaqra kif isegwi:

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, [...]
>
> (l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

17. Is-soċjetajiet ritrattandi ħassewhom aggravati mis-sentenza ta' din il-Qorti meta "*iddeċidiet li ma qablet assolutament f'xejn mal-kostazzjoni tal-fatti li ghamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (li kellha l-beneficcju li tisma l-partijiet direttament) u minflok irrevediet kompletament l-interpretazzjoni tad-dokumenti u provi estensivi miġbura f'dan il-kawza. [...] f'dan l-ezercizzju sfuggew lil Onorabbli Qorti ta' l-Appell fatti u elementi*"[2]. Dan l-aggravju ġie maqsum taħt erba' rjus:

i. fuq *dolo* / negliġenza grossolana fin-negozjati bejn il-partijiet;

ii. dwar l-akkwist tas-soċjetà Upim;

---

[2] Fol 2673A tal-proċess.

iii. dwar problemi fl-ordnijiet u t-telf konsegwenzjali ta' klijenti – prodotti tardivi u ħżiena; u

iv. dwar il-ħlas tal-garanzija bankarja da parti ta' l-intimati.

Jgħidu li l-Qorti tal-Appell kienet "errat meta kkunsidrat dawn l-istanzi kollha fl-ottika ta' responsabilta pre-kontrattwali u x'obbligi ta' zvelar [...] kellhom is-socjetajiet intimati versu r-rikorrenti atturi."[3]

18. Dwar x'għandu jkun l-iżball li jrid l-**Artikolu 811(l)** din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri**:

> "29. [...] Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;
>
> 30. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt ... Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant;
>
> 31. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il

[3] Fol 2675 tal-proċess.

darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata."[4]

19. Sabiex tiġi mressqa b'suċċess talba għar-ritrattazzjoni bażata fuq żball ta' fatt ġew stabbiliti mill-ġurisprudenza nostra s-segwenti kriterji:

> "1. Illi l-izball jkun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;
>
> 2. Illi l-izball jirrizulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova tal-izball;
>
> 3. Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjoni tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawzà b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;
>
> 4. Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza u ghalhekk, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.
>
> 5. Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat." (**Robert Yates vs. Anthony sive Tony Aquilina -** Appell Superjuri - 16 ta' Frar 2004).

20. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha **Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr. Louis Cassar Pullicino *nomine*** mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2010 irid, "ikun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika, cioè li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih, u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali

---

[4] Ara wkoll **Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs. David Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) mogħtija fl-24 ta' Settembru 2004.

prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost zbaljat."

21. Applikata l-ġurisprudenza ċitata għal każ li għandna quddiemna, f'dan l-istadju *in rescissorio* din il-Qorti trid tillimita ruħha għall-kunsiderazzjonijiet strettament marbuta mal-aggravji marbuta mal-Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12 u xejn aktar. Il-mertu tal-appell jiġi trattat biss jekk it-talba għat-tħassir tas-sentenza tiġi akkolta.

**Dwar allegat *dolo* / nagliġenza fin-negozjati bejn il-partijiet**

22. L-ilment tar-ritrattandi taħt din ir-ras tal-kawżali tagħhom hija illi meta din il-Qorti fissret li taħt il-liġi Taljana l-obbligu ta' *buona fede* ma kienx jeżonera lill-parti f'kuntratt milli tagħmel id-*due diligence* tagħha; meta ġiet biex tapplikaha għall-każ odjern naqset milli tikkunsidra jekk l-informazzjoni dwar l-istat finanzjarju tas-soċjetà Upim kinitx informazzjoni li "*can be found by the other party without particular effort.*" Is-soċjetajiet attriċi jippremettu li s-soċjetajiet konvenuti naqsu milli jġibu prova li fiż-żmien tan-negozjati u tal-iffirmar tal-*franchise agreement,* l-informazzjoni konkreta u uffiċjali dwar l-istat tas-soċjetà kienet disponibbli lill-atturi. Għal din ir-raġuni r-ritrattandi jgħidu li l-Qorti tal-Appell ibbażat ruħha "*fuq suppożizzjoni ta' xi fatt*" fis-sens li l-informazzjoni dwar l-istat tal-kumpanija u l-intenzjonijiet għal *brand* tagħha kienu "fil-mument li kienu

qed isiru t-trattativi de quo jeżistu fil-public domain jew faċilment magħrufa liema fatt (a) "li l-verita tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża" u (b) ma kienx "punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza" – u dan billi ma hemm ebda prova fil-proċess dwar l-istess u, partikolarment fl-istadju ta' l-appell għandu jiġi applikat b'mod sagrosant il-prinċipju *quod non est in actis non est in mundus*".

23. Ir-ritrattati jirribattu li apparti li din hija allegazzjoni mhux korroborata mill-provi li jinsabu in atti, jinsistu li ma kien hemm l-ebda żball li joħroġ mill-atti jew mid-dokumenti tal-proċess li juru li l-Qorti tal-Appell ma kkunsidratx, anzi kienet il-Qorti tal-Appell stess li fissret fil-paragrafu 35 li kellha terġa' ddur il-provi kollha sabiex tasal għal konklużjoni tagħha li tiddisturba l-eżitu tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat;

24. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Fis-sentenza attakkata din il-Qorti osservat li "*Mill-atti jidher ċar illi sa mill-ewwel laqgħa, Upim kienu ċari illi l-kumpanija kienet kważi falluta għal żmien twil, u li bil-mod il-mod bdiet terġa' tqum fuq saqajha. Dan jikkonfermah ukoll Emanuel Peresso fl-affidavit tiegħu*."

25. Din il-Qorti tosserva li s-soċjetajiet ritrattandi stess jgħidu li kienu bdew l-eżerċizzju ta' *due diligence.* Victoria Pace Peresso fissret illi l-atturi ritrattandi kienu qegħdin jagħmlu verifiki mal-awdituri tagħhom fuq il-kumpanija Upim. Ġaladarba nġabet il-prova li kienu qegħdin isiru l-verifiki mill-awditur tal-atturi, mhux minnu li s-sentenza attakkata hija msejsa fuq suppożizzjoni ta' fatt ineżistenti. Fuq kollox, kif osservat fis-sentenza attakkata "*ma ġietx kontradetta l-kwistjoni illi l-kumpaniji rikorrenti setgħu jġibu kopja tal-accounts tal-kumpanija Upim*." Il-*balance sheets* ta' Upim kienu disponibbli pubblikament.[5] Dan il-fatt huwa meħud in konsiderazzjoni fis-sentenza attakkata u għalhekk ir-ritrattandi ma humiex korretti meta jgħidu illi ma hemmx prova li l-informazzjoni dwar l-istat finanzjarju ta' Upim kien disponibbli għar-rikorrenti.

26. Din il-Qorti għalhekk tqis illi mhux fondat dan l-aggravju.

**Dwar l-akkwist tas-soċjetà Upim**

27. It-tieni ras tal-aggravju tar-ritrattandi jgħid illi seħħ żball ta' fatt meta skont is-soċjetajiet atturi l-Qorti tal-Appell assumiet li l-qerq kien fil-ħabi *o meno* tas-sitwazzjoni finanzjarja mwiergħa tas-soċjetà Upim, mentri fil-fatt il-kwistjoni kienet dwar l-intenzjoni wara l-*brand* Upim ie. kelliex ħajja

[5] Affidavit ta' Franco Chiarizio (a fol. 1872): "… I never hid details related to the overall financial situaton of UPIM. I had no reason to do it and, by the way, the financial situation of UPIM was public, as the balance sheets were available at the Italian Chamber of Commerce. MPL could have checked the financial situation of UPIM himself …"

jew le. L-atturi jinsistu li filwaqt li huma kienu qed jinnegozjaw mas-soċjetà Upim, l-Upim kienet qed tiġi akkwistata minn Coin mhux għal brand tagħha imma sabiex takkwista l-ħwienet tagħha, tant li skont Vladimiro Cattamep 95% tal-ħwienet tal-Upim f'anqas minn sena ġew konvertiti għal *brands* oħra. Skont ir-ritrattandi din hija l-intenzjoni li s-soċjetajiet konvenuti kellhom għal brand Upim, filwaqt li kienu qed isiru n-negozjati mal-atturi. Jgħidu r-ritrattandi illi l-Qorti tal-Appell għamlet żball duppliku u ċjoè meta kkunsidrat li (a) li l-pern tal-ħabi ta' informazzjoni kien dwar il-qagħda finanzjarja tas-soċjetà Upim, u (b) li dik l-informazzjoni kienet faċilment disponibbli.

28. Ir-ritrattandi għalhekk qed jilmentaw illi s-sentenza attakkata fiha żball ta' fatt peress li qieset il-pretensjoni tal-atturi bħala diretta kontra ħabi ta' informazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja ta' Upim, mentri jgħidu illi l-pretensjoni tagħhom kienet imsejsa fuq il-pretensjoni li ma kinitx magħrfa u ma kelliex mezz tkun taf illi Upim qed tinnegozja ma' Coin bil-ħsieb li l-ħwienet ta' Upim fl-Italja jiġu *rebranded.*

Ikkunsidrat;

29. L-azzjoni attriċi hija msejsa primarjament fuq l-allegazzjoni tal-ħabi tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' Upim. L-intenzjoni tar-*rebranding* tal-Upim hija konsegwenzjali għall-qagħda finanzjarja li kienu fiha Upim. Dan huwa

ammess mill-istess atturi fid-disa' premessa tar-rikors promotur tagħhom fejn jingħad: "*iżda xejn ma seta' jkun aktar 'il bogħod mir-realta tal-fatti għaliex dak li l-ogħla diriġenti tal-UPIM ma kienu qalu* ***qatt***[6] *lil MPL (u l-MPL ma setgħux jissupponu) kien li l-UPIM kienet effettivament soċjetà għal kollox falluta, b'passiv enormi ta' miljuni ta' euro ta' dejn, li ma kienetx vijabbli u kellha immaġni ġewwa l-Italja [...] ta' prodotti skaduti, antikwati u skadenti tant li fi ftit xhur wara l-konklużjoni tal-Franchise Agreement l-istess soċjetà,* ***mgħobbija b'dejn enormi***[7]*, inxtrat mis-soċjetà intimat l-oħra COIN, soċjetà kkwotata fil-borża ta' Milan li fi kwistjoni ta' ftit xhur żarmat kważi l-hwienet kollha tal-UPIM madwar l-Italja, effettivament qatlet il-brand u wżat l-outlets tal-UPIM madwar l-Italja sabiex tintroduċi u tferrex il-brands tagħha OVS u COIN u l-ftit negozju tal-UPIM li kien meqjus vijabbli ġie rebranded bħala UPIM Pop*". [8]

30. Fis-sentenza attakkata din il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjoni fir-rigward:

> "5. Skont MPL, Upim kienet sa mill-bidu nett «*assolutament inadempjenti fuq il-kuntratt – merkanzija tasal tard, merċeoloġija antika, ħwejjeġ ordnati ħażin u ma jaqblux mal-ordni, nuqqas ta' katalgi u ta' materjal frisk ta' produzzjoni», u jkomplu jisħqu li dan kien proprju minħabba l-fatt li l-Upim «kienet qed tieħu l-aħħar nifsijiet ta' ħajja*», u għalhekk, skonthom, din qatt ma setgħat tidħol għal rabta kuntrattwali ta' durata daqshekk twila ma' MPL. Fil-fehma ta' MPL għalhekk, «*(iż-)żewġ soċjetajiet intimati li ppjanaw u wettqu l-akkwist tal-Upim mill-Coin, il-ftehim ma' MPL serva biss sabiex jeħilsu minn dik il-merkanzija ġdida iżda mlaqqta ġewwa Malta a skapitu u spejjeż tal-istess MPL*». Fid-dawl ta' dan, MPL temmen illi l-kuntratt ta' bejnha u Upim ġie konkluż malizzjożament u l-Upim ma kinitx *in buona fede*."

[6] Enfasi tas-soċjetajiet atturi.
[7] Enfasi tal-Qorti.
[8] Fol 2 – 3 tal-proċess.

31. Għalhekk mhux minnu li s-sentenza attakkata fiha żball meta tqis illi l-ilment primarju tal-atturi kien il-ħabi ta' informazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tas-soċjetà Upim. Imkien fis-sentenza attakkata ma ġie kkunsidrat ineżistenti n-negozjati u l-eventwali xiri ta' Upim minn Coin. Anzi jingħad hekk fir-rigward:

> "42. Din il-Qorti lanqas ma hija tal-fehma illi Upim innegozjat in mala fede minn wara dahar MPL ma' Coin. Din il-Qorti tqis għal kollox sorprendenti li la l-partijiet u lanqas l-Ewwel Qorti ma semmew prova kruċjali f'dan ir-rigward li tinsab fl-atti tal-kawża. Din il-Qorti tara illi għalkemm ma hemm l-ebda dubju illi Upim u Coin bdew in-negozjati ta' bejniethom waqt li Upim kienet qiegħda tinnegozja wkoll ma' MPL, naturalment fuq kwistjonijiet differenti, jibqa' l-fatt illi MPL kienet aċċettat illi Upim setgħat tbiegħ u tassenja n-negozju tagħha lil terzi mingħajr il-kunsens ta' MPL, salv illi l-kuntratt ta' franchising jibqa' fis-seħħ. Dan ġie ppruvat permezz ta' emails fejn MPL ikkonfermaw, iswed fuq abjad, illi din il-klawżola kellha tiddaħħal fil-franchising agreement, l-aqwa illi f'każ li dan isir, il-kuntratt ta' franchising jibqa' fis-seħħ .
>
> 43. Fil-fatt, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-franchising agreement, f'taqsima numru sittax (16), tidher ċara d-differenza bejn: (i) każ fejn MPL tittrasferixxi l-kuntratt fuq isem kumpanija oħra, fejn il-kunsens ta' Upim kien essenzjali, u (ii) każ fejn Upim tittrasferixxi n-negozju kollu jew biċċa minnu lil terzi, fejn MPL ma kellhomx jiġu affettwati jew ikollhom xi tip ta' jedd li jwaqqaf trasferiment bħal dak, salv illi dak li MPL intrabtu bih jibqa' fis-seħħ mal-proprjetarji l-ġodda. Għalhekk, huwa ċar illi l-argument talMPL huwa wieħed frivolu għaliex din il-Qorti ma tistax tifhem kif minkejja tali klawżola (li l-iskop tagħha huwa kristallizzat fl-emails li ntbgħatu millpartijiet fiż-żmien tan-negozjati), huma qed jibqgħu jinsistu li kellhom jedd illi jkunu jafu bl-intenzjonijiet tal-kumpanija Upim u saħansitra jattakawha illi mxew in mala fede talli ma għarrfithomx b'dak li kien għaddej. Din ilQorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u tara illi dak li kellu jkun ta' interess għall-MPL kien illi l-kundizzjonijiet li ntrabtu bihom ma' Upim jibqgħu jiġu osservati u rispettati minn Coin.
>
> 44. Fil-fatt, hekk seħħ. Hekk kif Upim ittrasferiet kollox f'idejn Coin, din tal-aħħar kompliet bir-rabta kuntrattwali tagħha ma' MPL u MPFL. Ilkwistjoni jekk Upim u / jew Coin onorawx l-obbligi tagħhom kif elenkati filkuntratt ta' franchising huma irrelevanti f'din il-kawża u għalhekk ma kienx hemm lanqas skop li l-Ewwel Qorti tieħu konsiderazzjoni tagħhom fissentenza tagħha, u kważi kważi tiġi

> influwenzatha minnhom. Dak li jinteressa din il-Qorti huwa illi mill-atti jidher ċar illi MPL u MPFL wara li saru jafu li Upim ġiet mibjugħa u amalgamata ma' Coin, baqgħat f'relazzjoni kummerċjali ma' Coin. Dan huwa ppruvat permezz ta' diversi emails, laqgħat u anke credit notes."

32. Ir-ritrattandi jistgħu ma jaqblux mal-interpretazzjoni ta' dawk il-fatti fis-sentenza attakkata; però bl-ebda mod ma jista' jingħad illi s-sentenza attakkata hija msejsa f'dan ir-rigward fuq xi fatt li l-verità tiegħu hija bla ebda dubju eskluża; jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu hija mill-atti stabbilita pożittivament.

33. Tiċħad għalhekk dan l-aggravju.

**Dwar ordnijiet problematiċi u t-telf konsegwenzjali ta' klijenti**

34. Fit-tielet aggravju tagħhom ir-ritrattandi jgħidu li l-allegati żbalji trattati aktar qabel kellhom "effett kumulattiv fuq il-Qorti tal-Appell, li interpretat il-fatti bħala frott ta' xi nuqqas ta' għaqal da parti tar-rikorrenti meta dan ma kienx minnhu." Jgħidu illi sar żball ta' fatt meta din il-Qorti qieset l-inċident tal-ordnijiet problematiċi biss fl-ottika ta' jekk kinitx prova fir-rigward tad-*dolo* prekontrattwali meta fil-fatt dawn l-inċidenti kienu jammontaw għal aġir doluż fihom infushom. Ingħad li kien hemm diversi żbalji fil-konsenji ta' prodott tant li kienet ingħatat *credit note*. Jinsistu li l-*credit note* ġiet aċċettata mhux a saldu tal-pretensjonijiet tagħhom li

jinkludu dannu u telf ta' negozju. Jinsistu li l-Qorti tal-Appell għamlet żball ta' fatt meta ddikjarat li:

> "50. Kif ingħad iktar 'il fuq, din il-Qorti ma tarax illi hemm lok illi tidħol fil-mertu tal-kwistjoni jekk Upim u / jew Coin ħolqux problemi fl-ordnijiet u konsenji tagħhom, għaliex tali kwistjonijiet mhumiex il-pern tat-talbiet kif imressqa fir-rikors promotur u lanqas huma r-raġunijiet ewlenin għall-kawża"

L-iżball hawn mill-Qorti tal-Appell skont ir-ritrattandi huwa li l-kawża ġiet meqjusa minn ottika kuntrattwali u mhux minn ottika ta' delitt ċivili (ċjoè tortwuż / *ex delictu*). Jgħidu wkoll li "l-ordnijiet hsieba [hziena?] huma **proprju l-pern** tat-talbiet tal-kawza."[9]

35. Ir-ritrattati min-naħa tagħhom fissru li kienu r-ritrattandi stess li indirizzaw il-kawża fuq binarji ta' kawża għal danni prekontrattwali u dawk kontrattwali, tant li ċċittaw diversi artikoli mill-Kodiċi Ċivili Taljan dwar dan. Josservaw ukoll li ebda prova ma nġabet fuq danni *ex delictu*.

36. Kif ritenut taħt il-konsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti aktar 'il fuq dwar il-prinċipji li joħorġu mill-Artikolu 811 (l), l-iżball irid jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Il-Qorti għalhekk daret sew l-atti, anke in segwitu tad-difiża li ressqu r-ritrattati dwar in-nuqqas ta' prova, u proprju ltaqgħet mas-segwenti silta waqt il-kontroeżami ta' Victoria Pace Peresso

[9] Fol 2679 tal-proċess.

fejn ġie osservat li l-kwistjonijiet tal-ordnijiet hija ta' materja kuntrattwali u li allura ma taqax fil-parametri tal-kawża odjerna:

> "**Dr Antoine Cremona**: Ha naghmel punt … ghaz zewg nahat Sur Imhallef igifieri sia fejn il-klijenti tieghi qed jghidu li kien hemm konfuzjoni totali fl-istock etc … sija minn naha tal-kollega li kien hemm pagamenti li waqghu lura …
>
> **Il-Qorti**: Ok.
>
> **Dr Antoine Cremona**: Dawk huma materji … bir-rispett naghmel din is-sottomissjoni imbaghad iwegibni l-kollega … dawn huma materji kuntrattwali. Il-kuntratt innifsu … su o meno huwa regolat mill-klawżola arbitrali favur Milan etc …"[10]

37. Il-klawżola li għaliha qiegħed jagħmel referenza l-legali tas-soċjetajiet ritrattandi taqra proprju hekk:

> "28.2 *Any dispute concerning the interpretation, validity, performance and termination of this agreement and of the single supplies of products by the Franchisor to the Franchisee shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Court of Milan*."[11]

38. Kienu r-ritrattandi stess fejn in risposta għall-appell tas-soċjetajiet konvenuti fuq l-eċċezzjonijiet preliminari (appell fuq is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-7 ta' Ottubru 2015) insistew li l-kawża mressqa minnhom mhijiex waħda kuntrattwali a bażi tal-*Franchising Agreement*, iżda waħda fejn qiegħda tintalab dikjarazzjoni ta' aġir doluż u/jew ta' negliġenza grossolana, kemm qabel ma kien hemm il-kuntratt (*culpa in contrahendo*), kif ukoll *dolo* f'relazzjonijiet bejn il-kontendenti waqt li kien għaddej il-kuntratt, u dan lil hinn minn dak li jipprovdi l-istess kuntratt.

[10] Fol 2282 -2283 tal-proċess.

[11] Fol 115 tal-proċess.

Kienu wkoll ir-ritrattandi fl-istess risposta li għamlu distinzjoni bejn dawk il-vertenzi li huma dwar (a) l-interpretazzjoni, (b) il-validità, (ċ) l-eżekuzzjoni u t-terminazzjoni tal-ftehim u (d) dwar l-ordnijiet waħda waħda ta' oġġetti mixtrija taħt il-*Franchising Agreement*, li ċertament jaqgħu fid-dispost tal-klawżola 28 tal-imsemmi ftehim u allura soġġetti għal-liġi Taljana u għall-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Milan. Kienu huma stess li fissru b'mod ċar fl-imsemmija risposta li l-azzjoni tagħhom hija waħda extra-kuntrattwali.[12]

39. Huwa ferm stran kif ir-ritrattandi jgħidu li l-Qorti tal-Appell għamlet żball ta' fatt meta kienu huma stess għal snin sħaħ iħambqu li l-azzjoni tagħhom hija waħda *ex contracto*. Ma hemm l-ebda żball fit-termini tal-Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12.

**Dwar il-ħlas tal-garanzija bankarja da parti tal-intimati**

40. Taħt din il-kappa s-soċjetajiet attriċi ritrattandi jippremettu li "*l-Qorti tal-Appell naqset tikkunsidra li (a) il-garanzija bankarja inghatat malli gie firmat il-franchise agreement in cautela ta' l-obbligi ta' l-attrici bhala franchisee billi kienet obbligat li tixtri ammont ta' prodott tul medda ta' żmien; u (b) li t-terminazzjoni bikrija da parti tal-atturi franchisees kienet twassal lill-intimati milli jiġbdu l-istess garanzija bankarja.*"[13] Jinsistu li l-

[12] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2016.
[13] Fol 2679 tal-proċess.

garanzija bankarja kienet mażra li ma kinitx tippermettilhom milli joħorġu mill-*franchise agreement* u kien għalhekk li kien kruċjali li Upim tiżvela li kienet qiegħda tinnegozja ma' terzi. Ir-ritrattandi jgħidu hawn li dan huwa żball u kontradizzjoni.

41. Kien jimmerita lir-ritrattandi li juru fejn hu bi kjarezza l-iżball mill-Qorti tal-Appell. Ma ġiex imfisser jekk l-iżball tal-Qorti kienx fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu kienet bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu kienet stabbilita pożittivament.

42. *In oltre* kif ġia ritenut aktar 'l fuq din il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu tal-aggravju iżda tidħol biss jekk il-Qorti tal-Appell kinitx żbaljata fid-deċiżjoni tagħha billi tkun ibbażat l-istess deċiżjoni fuq fatt li ma kienx jeżisti jew fuq fatt li l-verità tiegħu ġiet eskluża.

43. *In ogni caso*, huwa evidenti mill-qari tal-paragrafu 34 (ġ) tas-sentenza li l-Qorti tal-Appell qieset li l-garanzija bankarja ngħatat malli ġie ffirmat il-*franchise* u x'kien l-għan wara l-ħruġ tat-tali garanzija. Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' konsiderazzjoni li t-terminazzjoni bikrija kienet xorta twassal għal ġbid tal-garanzija bankarja, din il-Qorti ma tarax li hemm żball ta' fatt fis-sentenza attakkata. Tqis li dak li ngħad fil-paragrafu 52 tas-sentenza japplika f'dik l-istanza wkoll, ossija jekk is-soċjetajiet atturi

kienu qegħdin jikkontestaw il-ġbid tal-garanzija (liema ġbid ta' garanzija kienet possibbli mat-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt), is-soċjetajiet atturi kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom rimedji *ad hoc* skont il-kuntratt tal-*franchising*:

> "52. [...] Madankollu, ma huwiex sew li issa, MPL tagħżel li tmexxi b'kawża ta' din in-natura sabiex tittenta tiġbor dak li tilfet bin-nuqqas ta' diliġenza tagħha. Naturalment, jekk ikun legalment possibbli, MPL u / jew MPFL jistgħu jinqdew b'rimedji *ad hoc* u dan skont kif jippermetti l-kuntratt ta' *franchising*"

44. Għalhekk, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, il-Qorti ssib li ebda waħda mir-raġunijiet mogħtija mis-soċjetà ritrattandi msejsa fuq Artikolu 811 (l) mhi mistħoqqa.

**Decide**

Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tas-soċjetajiet atturi ritrattandi Michele Peresso Limited u Michele Peresso Fashion Limited għat-tħassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2023.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da